# KARROZZA (VAN) JISIMHA "MOONLIGHT"

Dalgħodu ltqajt
mal-Poeżija
ġo van (karrozza) li jisimha **moonlight**
u wara s-suq tal-Belt
il-passiġġati f'dawl il-qamar ħlomt;
sibtni f'ħin wieħed tfajjel, raġel, żagħżugħ,
missier, miżżewweġ,
u għext mill-ġdid is-seħer ta' din ħajti!

Kulħadd poeta! U mhux biss għalih
jgħanni l-poeta!
Ftit jew wisq kulħadd iħossha
il-lehma taħraq tibdlu f'sultan ħaj.

Mhuwiex poeta biss
min qatel lilu nnifsu,
billi ċaħad lil qalbu
u biss fuq moħħu qagħad.

Mejjet ħaj min hu bla qalb —
min hu bla poeżija —
jeħtieġ miskin it-talb
biex jerġa' jsib tal-bniedem l-armonija!

7/xi/'77

WALLACE PH. GULIA

# L-AKKADEMJA TAL-MALTI
## RAPPORT AMMINISTRATTIV: 1978/80

Daqs sentejn u nofs ilu, ċertu korrispondent taħt il-psewdonimu ta' 'Ammiratur'' f'ittra li deħret f'gurnal lokali kien staqsa, ''X'sar mill-Akkademja?'' Safejn nafu aħna, talanqas, dan l-aħħar ħadd ma reġa' tħajjar jaqbad il-pinna u jagħmel mistoqsija bħal din... Forsi għax ma kienx hemm għalfejn — għax, b'ebda ftaħir fieragħ iżda b'kumment ġust u f'waqtu, il-Kunsill preżenti ħadem u baqa' jistinka bħal dari, biex ma ngħidux aktar minn qatt qabel, qalb tant ostakli u ċerta apatija li, jisgħobbina ngħidu, fost il-membri Akkademiċi infuhom. Huwa aħna li, b'wiċċna minn quddiem ikollna, kontra qalbna, nistaqsu: Għaliex u għalfejn din l-apatija kollha minnaħa tal-membri tagħna? Għadha, jew m'għadhiex għal qalbna l-Akkademja tal-Malti? Mit-tweġiba tagħna hawn preżenti llum — u tal-ħafna u ħafna membri ta' l-isem li għandna li qatt jew tassew rarament jidhru 'l hawn — jiddependi l-ġejjieni ta' l-Akkademja tagħna... u, jekk, 60 sena ħidma ma taqtax li bdew ta' qabilna, li qegħdin nissoktaw aħna llum, qalb tant taqtigħ il-qalb, għandhomx jisfaxxaw fix-xejn u l-Akkademja tintemm irqiq irqiq...

Jekk qatt dan jiġri, dan ikun tassew għajb għalina lkoll. Wara kollox, ma rridux ninsew illi, fost l-għaqdiet kollha tal-Malti, din tagħna biss — u bir-raġun! — tħalliet uffiċjalment iżżomm l-isem glorjuż tal-lum u ta' dari, kif nafuha dejjem, l-Akkademja tal-Malti!

### KUMMISSJONIJIET

Sa mill-ewwel seduta tiegħu, dik tal-20 ta' Marzu, 1978, il-Kunsill ħatar għadd ta' Kummissjonijiet biex jispeċjalizzaw f'ħidmiet siewja, kif ġej:

**(i) Kummissjonijiet Statut:** Din kienet magħmula mill-President, Dr. Wallace Gulia, ir-Rev.di Dr. Edward Fenech u Patri Ġorġ Mercieca, kif ukoll mis-Sinjuri Anton Agius Muscat u Emmanwel F. Attard. (Dawn is-Sinjuri fil-fatt kienu nħatru fil-laqgħa ġenerali u ġew ikkonfermati mill-Kunsill). Dil-Kummissjoni, matul ħafna laqgħat, li kull waħda minnhom kienet tieħu s-sigħat, amendat l-Istatut kollu. L-emendi mressqa minnha wara tgħarblu mill-Kunsill li biddel, naqqas jew żied l-emendi li qegħdin jitressqu quddiemkom illum għall-approvazzjoni tagħkom — għax intom